# Il-Ħdax il-laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur

## Nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2013 fis-7:30 p.m

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Dr. Rita Mifsud, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Peter Muscat
Anton Said
Lourdes Portelli
James Buttigieg
Joe Zerafa
Raymond Vella
Charlie Xuereb
Josef Camilleri
Andrew Muscat

Josianne Cutajar, Antonia Portelli, Grace Portelli u Sammy Buttigieg kienu skużati.

---

**1.** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2.** **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-għaxar laqgħa ġew approvati w iffirmati.

**3.** **Imnarja 2013.** L-attivitajiet organizzati mill-Kunsill fi żmien l-Imnarja kienu kollha organizzati b'mod professjonali u b'attendenza tajba, speċjalment il-Wirja "In-Nadur u l-Kult Nisrani Tiegħu" li saret fis-Sala Joe Tabone. Għal din il-wirja attendew ħafna persuni u kien hemm "feature" fuq l-istazzjoni TVM fil programm 'Għawdex Illum', dwarha. Il-Wirja Agrarja ukoll kienet ta' livell għoli ħafna iżda gie innotat in-numru kbir ta' għaqdiet li kienu qegħdin ibiegħu l-biljetti f' diversi lotteriji fil-Pjazzetta. Is-sotto kumitat rrakkamonda li jkun hemm għaqda waħda biss li jkollha permess biex tbiegħ il-biljetti tal-lotterija fejn tkun qed issir il-wirja. Il-Kunsill għandu jkollu aktar involvement fil-Kunċert

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

tal-Banda peress li parti sew mill-ispejjes jitħallsu mill-Kunsill. L-Ikla Tradizzjonali bdiet tard, minħabba li l-quddiesa tat-Tridu damet ma spiċċat ħafna u għalhekk kien hemm xi problemi dwar l-entertainment. Importanti li fis-snin li ġejjin l-Ikla tibda fil-ħin u ma jkunx hemm entertainment żejjed. Inġibdet l-attenzjoni li l-"helpers" ma ngħatawx "refreshments" waqt is-serata. Dan il-fatt għandu jinġieb għall-attenzzjoni tal-Arċipriet u Romeo Pace .

4. **Wine Festival 2013.** Il-Wine Festival ser issir mill-Gimgħa 16 ta' Awwissu sal-Ħadd 18 ta' Awwissu. L-entertainment u l-programm għal matul dawn il-ġranet huwa komplut. Bħala helpers waqt din l-attivita ser ikun hemm diversi membri mis-sotto kumitat fosthom - Raymond Vella, Joe Zerafa u Anton Said. Ser tgħin ukoll Maria Curmi.

5. **Car Free Day.** Il-Kunsill ser japplika għall-fondi sabiex issiru attivitajiet marbuta mal "Car Free Day" nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2013. Charlie Xuereb issuġġerixxa li l-attivita' li qed tippjana l-Għaqda Armar Triq Xandriku "Xandriku Fest", is-Sibt 21 ta' Settembru tiġi abbinata ma' l-attivitajiet tal-Car Free Day. Għalhekk ghandha tiġi magħluqa għat-traffiku Triq Xandriku . Din l-attivita għandha tkun tikkonsisti minn wirjiet ta' arti, barbeque, entertainment, u diversi attivitajiet oħra. Il-Kunsill jieħu ħsieb jagħmel sezzjoni għat-tfal, attivitajiet sportivi għaż-żgħażagħ u tombla b'risq il-Community Chest Fund fost affarijiet ohrjan.

6. **End of Summer Open Market.** Is-Sindku nforma lis-Sotto Kumitat li hu kellu diversi talbiet biex issir Open Market speċjali l-Ħadd (kif sar fil-

Charles Said, Sindku | Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

Milied u fil-Mother's Day). Kien hemm qbil li issir "End of Summer Open market" nhar il-Ħadd 8 ta' Settembru fil-festa tal-Vittorja. Dan għandu jsir bejn it-8 ta' filgħodu u s-2 ta' wara nofshinhar.

7. **Kwotazzjonijiet.** Infetħu l-kwotazzjonijiet tas-Sound u dawl għall-Wine Festival. Kien hemm kwotazzjoni waħda biss tad-dawl li kienet ta' Sourcelite. Għas-sistemma tal-PA kien hemm tlett offerti. Intgħażlet l-orħos wahda li kienet ta' AV Warehouse.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:45 p.m.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv